MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1494/1992/1

**Charles Camilleri u Anthony Attard**

**Vs**

**Charles Farrugia** bhala direttur tas-socjeta' Farstone Ltd. u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess.

Kawza Nru:

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-10 ta' Novembru, 1992, li in forza taghha, wara li ppremettew illi huma kredituri tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' elfejn seba' mija sitta u sebghin liri u hamsin centezmu (LM 2,776.50) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' xoghol ta' elettriku, *plumbing* u sistema ta' telefon u materjal

relattiv fornit minnhom in ezekuzzjoni ta' sub-appalt lilhom moghti mill-istess socjeta' konvenuta relattiv ghall-bini rikostruwit fl-indirizz 10/11, Main Street, zebbug, Malta;

Ippremettew illi nonostante interpellata thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Ippremettew illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut;

Talbu l-istess atturi biex il-konvenut *nomine* jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas lill-atturi flimkien bejniethom is-somma ta' elfejn seba' mija sitta u sebghin liri u hamsin centezmu (LM2776.50) dovuti kif fuq intqal;

2. In vista tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Settembru, 1992 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mill-prezentata ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut *nomine* huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Novembru, 1992, li in forza tieghu, wara li semghet lill-konvenut *nomine*, taghtu fakolta' li jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin jum minn dak in-nhar;

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Borda li in forza taghha ecepixxa li:-

1. l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv u ma jirreflettix l-ammont realment dovut mis-socjeta' konvenuta u dan anke kif stabbilit mill-istess perit inkarigat mix-xogholijiet in kwistjoni.

2. Illi s-socjeta' konvenuta tipprevalixxi ruhha minn din in-nota biex taghmel l-infraskritta kontro-talba kontra l-attur.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut *nomine* li in forza taghha wara li ppremetta li huwa inkariga lill-atturi sabiex jaghmlu xoghol ta' elettriku *plumbing* u sistema tat-telefon bil-materjal b'kollox fil-bini ri-kostruwit minflok il-fond 10, 11 Main Street, Zebbug, Malta;

Ippremetta li fl-esekuzzjoni ta' l-istess xoghol l-atturi naqsu li jesegwixxu x-xoghol kollu skond is-sengha u l-arti u fil-kors ta' l-esekuzzjoni tieghu kkawza diversi danni li kellhom jigu riparati mid-ditta konvenuta ghas-spejjez taghha;

Ippremetta li minhabba n-nuqqas da parti ta' l-atturi li jesgwixxu x-xoghol lilhom moghti b'sub appalt skond is-sengha u l-arti, id-ditta konvenuta soffriet danni ghal liema ghandhom jirrispondu l-istess atturi liema dannu jikkonsisti f'xoghol zejjed li kellha taghmel l-istess ditta konvenuta ghall-riparazzjonijiet ta' danni maghmula mill-istess atturi, xoghol ta' kostruzzjoni u tibjid wara x-xoghol ta' l-atturi kif ukoll tiswija ta' *plumbing* w elettriku;

Ghaldaqstant l-konvenut *nomine* jitlob bir-rispett illi l-atturi jigu minn dina l-Qorti:

1. dikjarati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mid-ditta konvenuta minhabba n-nuqqas taghhom li jesegwixxu x-xoghol ghal liema gew inkarigati kif fuq inghad skond is-sengha u l-arti;

2. jigu likwidati l-istess danni okkorendo b'opera ta' periti nominandi;

3. jigu kkundannati l-istess atturi jhallsu lill-konvenut *nomine* id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imghax kummercjali mid-data ta' din il-kontro-talba;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-atturi ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghat-talba rikonvenzjonali li in forza taghha eccepew illi l-pretensjonijiet tal-konvenut *nomine* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-sub-appalt in kwistjoni gie esegwit mill-atturi skond is-sengha u l-arti u mhux minnu kwindi li huma kkagunaw xi danni lill-konvenut *nomine*;

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Jannar, 1993, li in forza taghha l-Qorti kienet hatret, a spejjez provizorjament tal-konvenut *nomine*, lil Dr Marco Grixti, bhala perit legali, u lis-Sur William Cassar Torregiani, bhala perit tekniku, sabiex jirrelataw fuq it-talbiet ta’ l-atturi u dawk rikonvenzjonali, u dana wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet relattivi, u sabiex jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji;

Rat ir-rapport tal-periti gudizzjarji li gie pprezentat fl-10 ta’Jannar, 2000, u mahluf mill-perit tekniku fil-5 ta’ Ottubru, 2000, u mill-perit legali fis-16 ta’ Ottubru, 2000;

Rat it-talba tal-konvenut *nomine* verbalizzata fl-udjenza tas-7 ta’ Marzu, 2001, li biha ddikjara li xtaq jeskuti l-periti gudizzjarji bil-Qorti tidderiegi lill-konvenut *nomine* ihejji lista ta’ domandi biex tigi notifikata lill-perit tekniku li jkun jista’ jwiegeb bil-miktub u jikkonferma l-istess twegibiet quddiem ir-Registratur;

Rat in-nota tal-konvenut *nomine* tas-6 ta’ Novembru, 2001, li fiha espona d-domandi li xtaq jissottometti ghal konsiderazzjoni tal-perit tekniku;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-4 ta’ Novembru, 2003, li in forza taghha hatret lill-Assistent Gudizzjarju, Dr Claudine Galea, sabiex bi ftehim mal-partijiet, taccedi fir-residenza tal-perit tekniku sabiex jixhed in eskussjoni skond id-

domandi prezentati, u biex iwiegeb ghal kull domanda ohra li tista’ ssirlu mid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dispozizzjoni li fl-14 ta’ Jannar, 2004, il-perit tekniku kien ta quddiem l-Assistant Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi bazikament din il-kawza tittratta talba ghall-bilanc ta’ prezz ta’ appalt li l-atturi wettqu fuq inkarigu tal-konvenut *nomine*. L-appalt kien jikkonsisti f’xoghol ta’ elettriku, *plumbing* u nstallazzjoni tas-sistema ta’ *telephone* go fond f’Main Street, Zebbug; it-talba hija ghall-hlas ta’ l-ammont bilancjali ta’ LM 2776.50c. Is-socjeta’ konvenuta tirribadixxi li l-ammont mitlub huwa eccessiv u li, f’kull kaz, ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha li ghandu jwassal mhux biss ghal riduzzjoni fis-somma dovuta, izda ghar-rimbors tad-danni li soffrew bhala konsegwenza, liema danni talbet li jithallsu f’talba rikonvenzjonali li resqet.

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet hadet appalt minghand il-Gvern ghar-rikostruzzjoni ta’ blokk appartamenti f’Main Street, Zebbug; sar ftehim ta’ sub-appalt mid-ditta konvenuta lill-atturi dwar *plumbing*, elettriku u sistema ta’ *telephone*. Dan is-sub-appalt sar bil-miktub u fuq l-istess kuntratt gie stabbilit ir-rati ta’ kif kellu jsir il-hlas. Meta x-xoghol tlesta, l-atturi baghtu l-kont ghall-hlas, izda s-socjeta’ konvenuta ma riedetx thallas ghax qalet li l-kont ma kienx jaqbel ma’ dak mahrug mill-perit tal-Gvern. Is-socjeta’ konvenuta accettat li ghax-xoghol li kellu jsir kien gie miftiehem ir-rata tal-hlas, izda jirrizulta li, tul il-kors tax-xoghol, l-atturi inghataw inkarigu li jaghmlu xoghol iehor, mhux kontemplat fil-ftehim originali, u ghal dan ix-xoghol *extra* qed jesigu li l-hlas isir skond rati stabbiliti mill-Gvern, u mhux b’rati aktar ghola. Is-socjeta’ konvenuta qed targumenta li la darba fuq ix-xoghol *extra* ma giex miftiehem minn qabel rata ta’ hlas, ir-rata

ghandha tkun dik kif stabbilita mill-Gvern. Il-perit tekniku jaccetta li r-rata kienet xi 5% ghola minn dik stabbilita mill-Gvern, pero', jghid li l-prezzijiet mitluba mill-atturi huma prezzijiet li johorgu l-kuntratturi normali.

Fuq dan il-punt, il-Qorti hija ta' l-opinjoni li meta kontrollur jiftiehem mas-sid fuq rati ghax-xoghol, u, tul l-eskuzzjoni ta' l-appalt, jigi mitlub biex jaghmel u fil-fatt jaghmel, xoghol *extra*, il-hlas ghal dak ix-xoghol ghandu jkun l-istess bhal dak li gie miftiehem qabel. Meta kuntrattur jaccetta li jaghmel xoghol *extra*, il-presunzjoni hi li hu jkun hekk qed jaccetta taht l-istess kundizzjonijiet ta' hlas li kienu ftehmu fuqhom qabel. Mhux logika li l-kuntrattur li jinnegozja rata partikolari ghax-xoghol principali, jaccetta li jaghmel xoghol *extra* fl-istess appalt bi hlas differenti. Il-pozizzjoni kienet tkun differenti kieku sar  ftehim fuq l-appalt, li gie ezegwit, u wara l-kuntrattur inghata appalt iehor bla ftehim fuq il-hlas: f'kaz bhal dan, l-kuntrattur ikun irid jipprova li l-intenzjoni taz-zewg partijiet kienet li ghat-tieni appalt jithallas bl-istess mod kif sar fl-ewwel appalt. Meta, pero', qed nitkellmu fuq estensjoni ta' xoghol fl-istess appalt, il-presunzjoni ghandha tkun li, ghal dak ix-xoghol *extra* li gie inkorporat fl-istess appalt, il-hlas ghandu jkun kif kien miftiehem ghall-appalt innifsu, u jekk is-sid ikun irid ihallas anqas, irid juri li kien ftiehem mal-kuntrattur li ghal dak ix-xoghol kellu  jithallas b'mod differenti. Fi kliem iehor, sakemm ma ssirx prova ta' ftehim differenti, xoghol *extra* li jkun inkorporat f'appalt li fuqu jkun sar ftehim dwar hlas, ghandu jitqies bhal semplici estensjoni ta' dak l-appalt u l-hlas regolat bl-istess ftehim.

Dan gie osservat f'kuntest tad-drittijiet ta' perit, mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Vassallo vs Spiteri et", deciza fit-28 ta' Jannar, 2000. Dik l-Onorabbli Qorti kienet osservat li kien xieraq li l-"*additional work"* li assuma l-perit jigu kkonsidrati bhala estensjoni ta' l-inkarigu originali li kien inghata, u ma kienx gust li wiehed jippretendi li l-perit jaccetta li jaghmel dan ix-xoghol *extra* b'rata ta' hlas imnaqqsa. Jekk is-sid ried li ghal dak l-"*additional work"* il-perit jithallas b'rata anqas baxxa, kellu jaghmilha cara mal-perit mill-bidu u jesigi ftehim f'dan is-sens minghandu. Darba ma sarx ftehim f'dan is-sens,

ghax-xoghol *extra* li inghata r-rata ta’ hlas kellha tkun kif gie originarjament miftiehem.

Kwindi, l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta li l-kont ta’ l-atturi huwa wiehed eccessiv ghandha tigi michuda, peress li l-kont huwa bazat fuq rata ta’ prezzijiet miftiehma preventivament mill-partijiet. Il-kont innfisu gie ezaminat u vverifikat mill-perit tekniku li qabel mas-somma bilancjali mitluba mill-atturi.

Ghar-rigward tal-kontro-talba imressqa mis-socjeta’ konvenuta, jirrizulta pruvat li din is-socjeta’ sofriet danni peress li l-appalt li inghata lill-atturi ma giex imwettaq minnhom kif titlob il-ligi. Mill-indagini li ghamel il-perit tekniku, irrizultalu li fil-fatt kien hemm xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha, u wkoll li minhabba kif l-atturi wettqu x-xoghol, is-socjeta’ konvenuta sofriet id-danni. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Zahra vs Fino” , deciza fid-29 ta’ Ottubru, 1998, f’kawza ghall-hlas ta’ xoghol esegwit tista’ issir kontro-talba ghad-danni rizultanti minn xoghol hazin,u inoltre meta x-xoghol ma jkunx sar skond l-arti u s-sengha, il-hlas dovut ghandu jitnaqqas.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Brownrigg noe vs Spiteri”, deciza fis-27 ta’ Gunju, 2003, l-appaltatur ma humiex mehlus mir-responsabilita’ avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas, izda b’daqshekk ma jigix ezonorat mir-responsabilita’ jekk *nonostante* kontroll diligenti fil-mument tal-verifika, ‘l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta’certa gravita’ l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-*‘exceptio non rite adempleti contractus’* ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni.

F’dan il-kaz, jirrizulta li d-difetti fix-xoghol esegwit mill-atturi ma kienux ta’ certa gravita’, u l-perit tekniku qies li mis-somma reklamata ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm250 ghad-difetti; il-Qorti taqbel ma’ din l-opinjoni espressa.

Ghar-rigward tad-danni, l-istess perit tekniku ezamina l-ilment tas-socjeta’ konvenuta, u wara li qies li dawk kienu ilmenti misthoqqa, ezamina wkoll l-ispiza inkorsa mis-sojceta’ konvenuta ghax-xoghol ta’ riparazzjonijiet, u ggustifika l-pretesjoni taghhom ghall-ammont ta’ LM370 *in linea* ta’ danni. Ma giex muri li s-socjeta’ konvenuta soffriet xi danni ulterjuri naxxenti mill-kuntratt li kellha mal-Gvern.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi, fl-ewwel lok, tilqa’ l-ewwel talba attrici *in parte* u b’hekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ LM 2,526.50 (elfejn, hames mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u hamsin centezmu), bilanc ta’ prezz ta’ appalt, u, fit-tieni lok, tilqa’ t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta’ konvenuta, u b’hekk tikkundanna lill-atturi jhallsu lis-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ LM370 (tlett mija u sebghin liri Maltin) *in linea* ta’ danni. Is-somma pagabbli mis-socjeta’ konvenuta lill-atturi ghandha tithallas bl-imghax legali ta’ 8% mis-16 ta’ Ottubru, 2000, data tal-konferma tar-rapport gudizzjarju, waqt li s-somma pagabbli lis-socjeta’ konvenuta mill-atturi ghandha tithallas bl-imghax legali ta’ 8% mid-data ta’ din is-sentenza, peress li talba saret b’mod *da liquidarsi.*

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u zewg terzi (2/3) mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------